


# 1919-2009
# Il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri

*Pawlu Sammut - Segretarju*

Meta fl-1918 laħaq il-Kappillan Dun Vinċenz Azzopardi sab u ra b'għajnejh kemm il-poplu Qormi kellu għal qalbu l-festa ta' San Ġorġ u li l-festa mhux biss kienet madwar il-knisja parrokkjali, iżda kienet imferrxa ma' l-inħawi kollha ta'. Ħal Qormi, b'kull misraħ jew akkwata tieħu ħsieb biex iżżejjen mill-aħjar għall-festa f'ġieħ San Ġorġ. Sab ukoll nuqqas ta' qbil u tiżgwid bejn il-prokuratur tal-festa u l-każini tal-baned.

Għalhekk sena u nofs wara li ġie fostna, iddeċieda li joħloq organizzazzjoni jew kumitat, sabiex waqt li jneħħi r-responsabilta` tal-festa esterna minn fuq il-prokuratur tal-festa, din tkun tista' tiġi organizzata aħjar.

Il-kumitat twaqqaf uffiċċjalment b'seduta li ġġib id-data tad-29 ta'Ġunju, 1919, u l-kappillan dam jippresiedi sa l-1925, meta floku laħaq it-Tabib Federiku Maempel. Dan il-kumitat ġdid b'ideat ġodda u minn kull klassi tal-ħajja Qormija ġab bidla mill-qiegħ fl-istil u fl-organizzazzjoni tal-festa esterna ta' San Ġorġ. Huwa rsista fl-oqsma kollha li jsawru il-festa tagħna.

Sa mit-twaqqif tiegħu l-kumitat ħa r-responsabilta` tal-baned kollha mistiedna fil-festa, filwaqt li jikkordina l-għajnuna tiegħu maż-żewġ baned ta' Ħal Qormi, il-Banda Pinto u l-Banda San Ġorġ Martri, meta l-festa ta' San Ġorġ kienet il-festa waħdanija fil-Belt Pinto, u mill-1988 mal-Banda Anici, meta tiġi iċċelebrata l-festa fil-parroċċa Ġorġjana. Tul dawn id-disgħin sena kull banda barranija tista' tgħid li xi darba ħadet sehem fil-festa tagħna. Meta twaqqaf il-kumitat insibu ġa għaqda f'Ħal Qormi li tieħu ħsieb in-nar bl-isem ta' "Casino Vallone" li s-sede tiegħu kien jinsab f'tarf it-telgħa fil-wied lejn il-kappella tal-Madonna tal-Blat. Wara diskussjonijiet din l-għaqda inagħqdet mall-kumitat tal-festa u minn dik is-sena 'l-quddiem in-nar kollu fil-festa u l-kamra tan-nar kien responsabli minnhom l-kumitat tal-festa.

Kien bis-saħħa ta' Dun Vinċenz Borg u Dun Ġwann Porsella li kellhom kuntatti ma' esperti tal-piroteknika mill-Italja li biddlu s-sistemi u riċetti tal-piroteknika f'Malta. Mill-1926 sal-1935 'l quddiem, il-kumitat tal-festa ġab lil Filippo Gaffarelli, Alfio Sampieri, Carlo Fanoso, Giacomo u Ignazio Potenzione u l-Professur Salvatore Grasso sabiex jaħdmu n-nar għall-festa ta' San Ġorġ Martri. Mal-miġja ta' dawn l-esperti, id-dilettanti Qriema kellhom l-opportunita` jaraw mill-qrib, josservaw u jitħarrġu f'dan il-mistier. Malajr tgħallmu din is-sengħa u akkwistaw diversi riċetti ġodda.




In-nar tal-festa ta' San Ġorġ kien imsemmi ma' Malta kollha u kienu jiġu għalih minn kull rokna tal-gżira. Fil-ktieb ta' Karmenu Psaila "Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi 1436-1936" f'paġna 190, insibuh jgħid hekk fuq il-gioco di fuoco ta' lejlet il-festa: "Għall-ħabta tad-disgħa ta' bil-lejl, kotra kbira ta' nies jibdew ġejjin sabiex jaraw il-logħob tan-nar li jsir ġewwa l-wied; naħseb li jkunu jinsabu nies għall-ħin tal-gioco di fuoco mal-20,000 ruħ bejn wieħed u ieħor. Numru kbir meta tqis il-mezzi limitati ta' transport li kienu jeżistu dak iż-żmien". In-nar ta' Ħal Qormi beda jkun imfittex ferm u kienu jsiru ħafna ordnijiet għan-nar għall-festi minn diversi parroċċi oħra madwar Malta. Il-kumitat tal-festa baqa' direttament responsabbli mill-kamra tan-nar sa nofs is-snin ħamsin meta fi żmien qasir ġraw żewġ inċidenti fatali li ħallew tlett vittmi. Aspett ieħor importanti fil-festa esterna huwa l-armar u t-tiżjin tat-toroq. Sa mit-twaqqif tal-kumitat fl-1919, dejjem ingħata attenzjoni speċjali lill-armar tal-festa. Insibu propju fl-ewwel seduta lill-kumitat japprova li jsir sett anġli u pedestalli ġodda għal Triq il-Kbira.

Għall-festa Ġorġjana l-aħjar artisti ta' kull żmien ħallew ix-xogħol tagħhom. Insibu xogħolijiet ta' Vincenzo Cremona, Carlo Darmanin, Carmenu Mallia l-Lhudi, l-aħwa Alfred, Michael u Paul Camilleri Cauchi, Renzo Gauci u dan l-aħħar Silvio Pace bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. Disinjaturi oħra ħallewlna opri sbieħ fosthom il-Professur Nikola Zammit, il-Perit Luigi Vella, Giuseppe Muscat Ta' Mass, Pawlu Galea u aktar riċenti Silvio Pace, u lkoll għollew il-livell artikistu fl-armar tal-festa tagħna. Il-festa Ġorġjana hi wkoll magħrufa għall-kwantita` ta' armar tat-toroq. Mhux biss iżda jidher ukoll fil-kundizzjoni tajba tiegħu, minkejja ż-żmien li għadda minn fuqu, qisu għadu ġdid. Il-ħajr tagħna jmur lejn dawk id-dilettanti kollha li tul is-snin ħadmu u rsistew biex dan l-armar inżamm f'kundizzjoni tajba u b'hekk ngħadduh lil ta' warajna.

Tajjeb ukoll li niftakru tlett avvenimenti fejn l-armar sabiħ tal-festa tagħna ħareġ barra l-Belt Pinto. Insemmi l-4 ta' April 1948, meta fl-okkażżjoni ta' l-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna tas-Saħħa tar-Rabat, il-Palk Prinċipali, il-Palk ta' Pinto, li kien iżżanżann fl-1884, ittieħed u ġie armat fuq il-Fosos tal-Furjana. Fuqu ġiet inkurunata ix-xbieha tal-Madonna tas-Saħħa mill-Eċċelenza Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

Okkażżjoni oħra kienet meta saru ċelebrazzjonijiet marbuta mall-inkurunazzajoni tar-Reġina Eliżabetta t-Tieni, fejn saru manifestazzjonijiet fit-toroq tal-Belt Valletta, u l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel iddaħħal fuq karru f'defile` mat-toroq prinċipali tal-Belt. L-armar tal-festa tal-pjazza ta' San Franġisk flimkien ma' l-istatwa ta' Malta kienu ġew esebiti u armati f'Earl's Court, f'Londra, f'Jannar, 1989, fl-okkażżjoni ta' l-"International Boat Show" fl-Ingilterra.




Il-kumitat għandu wkoll rabta mal-Kumitat Festa San Ġorġ Association ta' Toronto, l-Kanada, fejn anki tahom xi armar u tiżjin ieħor sabiex jiġi armat għall-festa ta' San Ġorġ li l-komunita` Maltija torganizza f'Toronto f'ġieħ San Ġorġ.

Ma tistax tħobb il-festa ta' San Ġorġ u ma jkollokx għal qalbek it-tempju iddedikat lilu. Sa mit-twaqqif tal-kumitat fl-1919, dejjem kien hemm persuni li b'ħidmiethom urew kemm għandhom għal qalbhom it-tempju Ġorġjan. Insibu membri tal-kumitat jirsistu biex jinġabru l-flus għal-linef sbieħ tal-kristall, biex sar l-venartal tad-Duluri, standardi u opri oħra. Jirsistu biex il-parroċċa ssir Arċipretali, biex Triq Anici tibqa' tagħmel mall-parroċċa Ġorġjana, biex is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas jiġi amministrat u jibqa' taħt il-parroċċa tagħna. Infakkru l-250 sena minn meta żżanżnet l-istatwa titulari, il-kumitat ħadem kemm felaħ sabiex isir is-sandli tad-deheb għall-istatwa ta' San Ġorġ. L-aħħar ħidma mill-membri tal-kumitat kienet ix-xogħol ta' żebgħa u dekorazzjoni li sar fil-knisja fl-okkażżjoni tal-festi ċentinarji ta' l-2003.

Tul il-medda tas-snin, il-Kumitat Festi Esterni kien immexxi minn persuni ta' ħila u ntegrita` kbira. F'dan iż-żmien il-kumitat kellu ħdax-il president bl-ewwel wieħed:

1. Il-Kappillan Dun Vinċenz Azzopardi bejn 1919 – 1925
2. Dr. Federico Maempel bejn 1925 – 1947
3. Il-Prokuratur Legali s-Sur Fort Ellul bejn 1948 – 1952
4. Dr. Maurice Ellul bejn 1952 – 1954
5. Il-Perit Anthony Borg bejn 1954 – 1958
6. Rev. Arċipriet Mons. Gerald Frendo bejn 1958 – 1977
7. Rev. Arċipriet Mons. Pawlu Attard bejn 1977 – 1981
8. Rev. Arċipriet Mons. Edgar Attard bejn 1981 – 1987
9. Rev. Arċipriet Kanonku Karm Aquilina bejn 1987 – 1994
10. Rev. Arċipriet Dun Frans Abdilla bejn 1994 – 2005
11. Rev. Arċipriet Kanonku Anton Cassar fl-2005.

Barra dawn kien hemm bosta persuni oħra ta' ħila u abilta` kemm fit-tmexxija u tas-sengħa li tul iż-żmien flimkien ma' sħabhom, għenu sabiex il-festa ta' San Ġorġ kienet tiġi ċċelebrata bl-aħjar mod. Insemmu lil Dun Ġwann Porsella Flores, lil Dun Vinċenz Borg, lil Karmnu Mallia, lil Anton Azzopardi, Ġorġ Cassar Ta' Mastranġ, Ġorġ Azzopardi, Ġorġ Baldacchino, Ġianmari` Scicluna, Ġuże` Cardona, Ninu Zammit , Salvu Debono, Kola Mamo u ħafna u ħafna oħrajn.

Is-sehem tal-Kumitat Festi Esterni fil-festa Ġorġjana jidher ukoll fl-inizzjattivi li ħa matul is-snin biex anke permezz tal-mużika u kant jagħti ġieħ lill-patrun tagħna. L-innu popolari "Fjur ta' Martri" b'mużika ta' Mro. Giuseppe Camilleri u versi ta'




Mons. Dun Karm Psaila sar bl-inizzjattiva tal-kumitat u żżanżann fl-1945. Dan l-innu popolari flimkien ma' disa' innijiet oħra b'tifħir lil San Ġorġ kollha ġew ikkommissjonati matul is-snin mill-kumitat tal-festa. Dawn l-innijiet saru biex jindaqqu fil-festa waqt il-purċissjoni u ġew irrekordjati fuq compact disc taħt id-direzzjoni ta' Mro. Archibald Mizzi. Fl-1982, twaqqfet is-Sezzjoni Nisa sabiex tgħin lill-kumitat fl-attivitajiet tal-festa u fis-sena 2000 il-kumitat ġabar u organizza fi ħdanu s-Sezzjoni Żgħażagħ biex permezz tal-ħidma u l-enerġija tagħhom, huma jgħinu lill-kumitat fil-festa esterna ta' San Ġorġ.

Matul is-sena jiġu organizzati diversi attivitajiet soċjali u kulturali. B'dan il-mod filwaqt li nkunu qed ngħinu lill-festa, inżommu ħajja l-attivita` fil-parroċċa u fil-Belt Pinto. Fl-okkażżjoni tal-festi ċentinarji mill-martirju ta' San Ġorġ fl-2003, is-Sezzjoni Żgħażagħ ħarġet compact disc b'ġabra ta' diski fuq il-ħajja u l-martirju tal-qaddis Ġorġi, kif ukoll waqqaf monument tal-ġebel bi xbieha ta' San Ġorġ fl-inħawi ta' Farżina. Il-kumitat waqt li jagħti direzzjoni, jgħin u jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ sabiex jesprimu l-ideat u t-talent tagħhom għax jemmen li jridu jkunu huma li jkomplu dak li qed nagħmlu aħna llum.

Is-sena li għaddiet, 2008, il-Kumitat Festi Esterni daħal responsabli u beda jxandar permezz tar-radju tal-komunita` bl-isem 'Leħen il-Belt Ġorġjana'. L-iskop prinċipali hu biex nuru u nxandru dak kollu li għandna sabiħ fil-parroċċa tagħna u jkun ta' servizz lill-morda u anzjani fi djarna. J'Alla din l-inizzjattiva tkun ta' ġid u tgħin sabiex ikun hemm aktar għaqda bejnietna. Għalkemm l-iskop ewlieni tal-Kumitat Festi Esterni jibqa' dejjem il-festa ta' San Ġorġ Martri, pero` il-kumitat dejjem jinteressa ruħu, jgħin u jgħożż dak kollu li hu ta' Ħal Qormi. Dejjem irsista sabiex iżomm ħajja mhux biss it-tradizzjoni u l-kultura tal-festa Ġorġjana, iżda wkoll dak kollu li jagħmel ġieħ u unur lill-Belt Pinto.

Din is-sena l-kumitat għamel il-website tiegħu sabiex jagħti tagħrif u jkun ta' komunikazzjonni mal-Ġorġjani kollha mferrxa f'kull post tad-dinja. F'dawn il-ġranet sbieħ tal-festa, ma għandna qatt ninsew il-ħeġġa, l-imħabba u s-sagrifiċċji ta' missirijietna, li minkejja l-faqar li kien jgħixu fih, qatt ma baqgħu lura jew ixxaħħu għall-festa ta' San Ġorġ. L-imħabba lejn San Ġorġ kienet verament bil-fatti u mhux bil-kliem. J'Alla anke aħna llum, dan il-valur nibqgħu inżommuh u ngħożżuh u dak kollu li nagħmlu jkun biss għax aħna nħobbu lil San Ġorġ tagħna. **Viva San Ġorġ Martri.**

*N.B. b'dedika lil dawk kollha li, tul dawn id-disgħin sena, ħadmu għall-festa ta' San Ġorġ Martri. 1919 – 2009.*